MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 774/2002

**Vincent u Mary konjuġi Gauci**

**-vs-**

**It-Tabib Ewlieni tal-Gvern u Dr. Albert Fenech M.D., FRCP**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-atturi fit-8 ta' Lulju 2002 li permezz tagħha ġie premess:

Illi l-attur issuġġetta ruħu għal operazzjoni ta' *angioplasty via right femoral artery puncture* f'Awissu 1999, liema operazzjoni saret fl-isptar San Luqa, mill-konvenut Dr Albert Fenech MD, FRCP.

Illi immedjatament wara tali ntervent l-attur ma setax iħoss siequ l-leminija mill-koxxa 'l isfel.

Illi *in oltre* l-attur beda wkoll iħoss uġiegħ kbir.

Illi trattamenti oħra sussegwenti ma rrimedjawx din il-kundizzjoni u sal-lum l-attur għadu muġugħ ħafna u kontinwament tant illi huwa bilkemm jista' jimxi u sar totalment dipendenti fuq terzi.

Illi l-attur ilu mid-data tal-operazzjoni sal-lum ifittex trattament għand professuri u tobba rinomati sabiex jitnaqqaslu l-uġiegħ, pero' kien kollu inutilment, u llum jidher illi a kawża tal-operazzjoni tal-*angioplasty* l-esponenti għandu diżabilita' permanenti.

Illi jidher ċar illi l-operazzjoni ma saritx kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti u dak li qed isofri bilfors irid jiġi attribwit għal negliġenza kommessa fil-konfront tiegħu meta saritlu l-operazzjoni msemmija.

Illi l-atturi nterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni permezz ta' protest ġudizzjarju (Dok. A) iżda l-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-operazzjoni li saret fuq l-attur f'Awissu 1999 ma saritx kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti u li a kawża ta' dan l-attur sofra diżabilita' permanenti.

2. Tiddikjara konsegwentement illi l-konvenut jew min minnhom huwa responsabbli għal tali diżabilita' permanenti minħabba negliġenza u imperizja da parti tagħhom.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawża ta' tali aġir.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-18 t'Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepew:

Illi preliminarjament l-attriċi Mary Gauci ma għandha ebda *"locus standi"* f'dawn il-proċeduri *stante* illi d-danni huma materja personali u parafernali. *Di piu'* ma jeżisti l-ebda vikolu ta' kura bejn l-attriċi u Profs. Albert Fenech.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-azzjoni hija karenti minn fondament ġuridiku *stante* li filwaqt illi t-Tabib Ewlieni tal-Gvern *qua "employer"* jirrispondi għal *culpa in eligendo* dina lanqas biss ma hija allegata.

Illi subordintament u mingħajr preġudizzju għall-premess fi kwalunkwe każ il-konvenuti ma jirrispondux għad-danni reklamati *stante* li dawn ma ġrawx tort tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2004 fejn ġew nominati bħala Esperti mediċi, il-Professur Louis Buhagiar (li sussegentement sostitwit bit-tabib Dr. Anthony Galea Debono) u t-tabib Dr. Victor Sultana, assistiti legalment mill-Avukat Dottor Thomas Abela;

Rat sussegwentement ir-rapport tagħhom li ġie debitament maħluf;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-26 ta' Ġunju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Illi f’din il-kawża, kif jidher mill-atti, l-atturi qed jitolbu danni fil-konfront tal-konvenuti wara ntervent li sar mill-konvenut Professur Fenech konsistenti f’*angioplasty* fl-isptar San Luqa;

**PROVI MIĠBURA**

Illi l-provi li huma miġbura tajjeb fir-rapport tal-esperti nominati qed jiġu riprodotti mill-Qorti għall-ajħar intendiment tal-fatti li taw lok għall-kawża:

*“Illi l-attur kien ippreżenta affidavit maħluf fit-12 ta’ Lulju 2004. Fih huwa spjega dak li kien għadda minnu.*

*Illi huwa jixhed li kellu bżonn jagħmel ‘angiogram’ u mbagħad ‘angioplasty’ biex jirrimedja għall-arterja mblokkata bejn għonqu u sidru, għalhekk kien daħal l-isptar San Luqa meta ma kellu l-ebda uġigħ f’saqajh jew fil-‘groin’ jew f’dahru. It-trattament li kellu bżonn kien għamilulu l-Professur Albert Fenech mħarrek f’din il-kawża.*

*Illi kien sar l-‘angioplasty’ u tlett siegħat wara t-tabib Mallia Azzopardi kien bagħtu lura d-dar. Meta pprova jinżel mis-sodda pero’ ma setax iħoss saqajh mill-koxxa ’l isfel. Meta kellem lit-tabib Mallia Azzopardi dwar dan, huwa beda jittestjah f’saqajh bil-labar u bit-tajjar. Kollok kien għalxejn għax ma bediex iħoss saqajh u spiċċa ‘helpless’.*

*Illi minkejja dan bl-għajnuna tal-qraba tiegħu huwa mar id-dar pero’ baqa’ b’saqajh imtarrxa. L-għada żviluppalu uġigħ qawwi fil-‘groin’. Dakinhar stess mar għand il-Professur Fenech. Dan bagħtu fl-‘Operating Theatre’ għand Dr Zammit. Dina kienet taf bih u tagħtu ‘injection’ f’dahru. Din taffietlu l-uġigħ għal ftit tal-ħin.*

*Illi billi baqa’ bl-uġigħ reġa’ mar għand il-konvenut Fenech li kien irriferih għall-kura barra minn Malta. Ara*

*Dok A mal-affidavit. L-attur kellem ukoll lis-Sur Messina li rreferih għal 'Pain Clinic' fl-istess sptar. Kienu t-tobba Dr David Gatt u Dr Slavomir li ħadu ħsiebu. Hawn kien ħa 'course' ta' 'injections' fil-groin li kienu jftaffulu xi ftit l-uġiegħ.*

*Illi l-attur eventwalment mar fi Sptar fl-Ingilterra, jismu 'Whipps Cross'. Hawn ukoll kull kura li tawh serviet biss biex ittaffilu l-uġiegħ, pero' saqajh qatt ma ġiet lura kif kienet qabel l-intervent tal-Professur Fenech.*

*Illi l-attur isostni li qabel l-intervent tal-konvenut huwa kien normali ħlief għall-problema tal-arterja. Wara l-intervent spiċċa b'uġiegħ perenni f'sieqU u f'dahru li biex jimxi jrid juża l-krozzi. Dawn wassluh biex jitlef l-impieg li kellu qabel, fejn kien jagħmel xogħol ta' security u jagħmel ħafna 'overtime'. Illum jagħmel biss xogħol fuq skrivanija. Huwa tilef ukoll xogħol ieħor li kellu fl-'Axis' bħala security. Dwar l-uġiegħ huwa jgħid li sal-lum għadu jattendi l-'Pain Clinic' taħt Dr Gatt. Jattendi wkoll taħt Dr Victoria A Mifsud għall-kura.*

*Illi fis-seduta tas- 26 t'Ottubru2004, xehed Dr David Gatt prodott mill-attur. Dr Gatt xehed li huwa jaħdem fil-'Pain Clinic' f'San Luqa u kien beda jara lill-attur fis-sena 2000, riferut minn Dr Mifsud jew minn Prof. Albert Fenech innifsu. Huwa qal li l-attur kien qed isofri minn uġiegħ fir-'Right Femoral Area' li jibqa' nieżel sa koxxtejh. Huwa kien ibagħti biex jimxi. Dr Gatt kien irrepeta l-eżamijiet li kienu sarulu lill-attur, inkluż 'C.T. Scan'.*

*Illi huwa jaf li meta rah huwa kien qed jieħu xi pilloli għall-uġiegħ, msejħa 'Carbamezepine' u li xi ħadd kien għamillu 'Epidural Steriod Infiltration' jiġifieri injezzjoni ta' loppju lokali u 'steroids' fis-sinsla ta' dahru biex itaffu l-uġiegħ.*

*Illi l-attur kien mar għandu b'rapport li l-uġiegħ kien bdielu wara li kien għamel l-'angioplasty'. L-attur għadu sal-lum taħt il-kura ta' Dr Gatt. L-aħħar kura kienet 'infiltration' oħra biex jittaffa l-uġiegħ. Muri l-affidavit tal-attur Dr Gatt ikkonferma li jista' jkun li huwa beda jara lill-attur minn qabel, dwar uġiegħ fil-'groin'.*

*Illi fis-seduta xehdet ukoll Dr Victoria Mifsud li taħdem bħala 'full time neurologist' f'San Luqa. Hija tgħdi li kienet tarah minn żmien għall-ieħor. Tgħid li spiċċa fil-'Pain Clinic'. Meta kienet eżaminatu kien ibati minn 'Neuralgir Pain' fil-'groin'. Tgħid Dr Mifsud li kellu 'Slight Decreased Sensation'.*

*Illi l-attur kien qalilha li kien għamel 'angioplasty'. Dan kien ukoll fir-'referral' tal-Prof. Fenech. Kien ġie fil-Ward tal-MRI (Scan) in liason ma' Dr Gatt.*

*Illi t-tabiba li eżaminat lil-attur fuq l-uġiegħ, kienet ordnat għalhekk 'EMG Test' tan-nervituri. L-attur kien kellima dwar uġiegħ f'dahru bix-xatka fuq il-lemin. Hija kienet ordnat 'MRI' tal-'Lumbar Sacral Spine' u 'Right Groin'. Hija tirrapporta li ma kienx hemm anormalita fil-'groin' u li kien hemm 'Rt. Medieo Lateral Disc Protrusion'. Dan jfisser li kien hemm spustament tal-irkiekel u li kellu tibdil deġenerattiv fl-L4 u L5 u L5SI bi djuq tal-bokka fejn joħorġu n-nervituri.*

*Illi x-xhud tgħid li huwa diffiċli tgħid jekk hemmx relazzjoni bejn l-uġiegħ fid-dahar ma' dak tal-'groin'. Pero' ma deherx li kien hemm ħsara strutturali fin-nerv kemm mill-EMG u kemm klinikament. Tgħid li ma setgħetx tkun ċerta dwar mnejn kien ġej l-uġiegħ, jekk kien ikkaġunat mid-dar jew mill-'groin'. L-uġiegħ kien hemm u trid tikkurah. Peress li kellu 'neuralgic pain' kienet tikkurah bil-pilloli tal-uġiegħ fin-nervituri, msejħa 'Tiptoral'. Hija wkoll kienet irriferitu għal 'Pain Clinic' u għand Dr Zrinzo n-neurosurgeon. Fuq kontro-eżami Dr Mifsud tgħid li huwa normali li pazjent bl-uġiegħ fin-nervituri jintbagħat għandha. Hija kienet għamlitlu dak kollu li setgħet fiċ-ċirkustanzi.*

*Illi fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2004, xehed Dr Deo Debattista. Jgħid li l-attur kien ilu 14-il sena pazjent tiegħu. Huwa jgħid li kien mar għandu u rreferih l-isptar dwar 'Chest Pain'. Wara sensila ta' investigazzjonijiet beda jilmenta bl-uġiegħ fil-'groin'. Huwa kien jaf li kien*

*għamel 'angiogram' u 'angioplasty'. Isemmi 'Coronary Angiogram'.*

*Illi jgħid ix-xhud li l-attur għadu pazjent tiegħu sal-lum u għadu jilmenta mill-uġiegħ fil-'groin'. Jaf ix-xhud li kien jaħdem bħala 'security guard' fil-'Freeport'. Huwa kien irriferih lura verbalment. Il-pazjent jgħid li kellu jitlaq minn 'security guard'.*

*Illi xehed ukoll Dr Andrew J. Cassar in rappreżentanza taċ-Chief Medical Officer. Huwa xehed li kien qed jippreżenta kopja tal-file tal-pazjent Vincent Gauci. Deher mill-'file' li l-aħħar li kien ra lil Dr V. Mifsud kien fl-2000, fil-25 ta' Lulju. Dr Cassar rtira l-'file' mediku w obbliga ruħu li jaġġorna l-istess biex jirriżulta minnu l-viżiti kollha fl-isptar.*

*Illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, Dr Zammit Lewis stieden lill-esperti mediċi biex jeżaminaw il-'file' mediku tal-attur issa li kien ippreżentat.*

*Illi l-konvenut Tabib Prinċipali tal-Gvern kien ippreżenta in difeża xi affidavit ta' Dr Antoine Zrinzo, Nr Norbert Vella, Profs Albert Fenech u Dr Oscar Aquilina.*

*Illi l-Profs Albert Fenech xehed bl-affidavit dwar il-każ tal-attur. Il-pazjent kien ġie riferut lili mill-Profs. Buhagiar, waqt li kien 'In Patient' f'san Luqa, b'Compressive Chest Pain. Irriżulta li kellu 'Cholesterol' għoli, kien ipejjep bi storja fil-familja ta' "By Pass". Ma kienx irriżulta attakk ta' qalb, pero' minħabba l-kambjament fl-ECG ġie riferut għall-'angiogram' li sar fl-10 t'Awissu 1999.*

*Illi kien irriżulta li kellu qalbu tajba pero' kellu l-arterja prinċipali fix-xellug tal-qalb kważi miżduda. Fil-każ kellu jsir jew 'angioplasty' jew 'by pass'. Fiċ-ċirkustanzi kien għażel 'angioplasty' u evita 'by pass' li hija operazzjoni maġġura. Din saritlu fis-26 t'Awissu 1999. B'din l-operazzjoni id-djuq tal-arterji tiġi miftuħa l-ewwel bil-bużżieqa. Huwa għamel l-'angioplasty' fuq is-Sur Gauci billi ħass biex sab l-arterja tal-pazjent u daħal bil-labra speċjali u avvanza sal-qalb. Meta wasal fid-djuq nefaħ il-pompa biex b'hekk il-parti dejqa tinfetaħ u s-sadd jitneħħa.*

*Lill-attur daħħallu molla (stent) biex iżżomm l-arterja miftuħa u jnaqqas l-inċidenza illi jerġa' jitrabba d-djuq. Wara ftit siegħat, 4, il-pazjent inbgħat id-dar.*

*Illi jkompli jgħid il-Professur illi l-pazjent ġie eżaminat, ittieħdet l-istorja medika kif ikun ħassu l-pazjent dak il-ħin, il-polz, pressjoni, semagħlu sidru u eżaminawlu żaqqu. Il-pazjent ma wera ebda sinjal negattiv u fl-ebda ħin ma ġibed l-attenzjoni tat-tabib illi kien qed iħoss xi sintomi jew li kien qed idejqu xi ħaġa dak il-ħin. Mill-istorja medika ma jirriżultax illi kien hemm xi tbenġil fil-post minn fejn iddaħħlet il-labra.*

*Illi jkompli jixhed li xahar wara, fit-28 ta' Settembru 1999, mar l-isptar għal eżami ta' rutina wara l-'angioplasty' u ma rraporta l-ebda uġigħ. It-tabib li eżaminah ma rrapporta ebda sintomi jew uġigħ. Fit-30 ta' Settembru huwa għamel 'Stress Test' għal għaxar minuti u tlieta u għoxrin sekonda, b'veloċita miżjuda u bl-angolu tal-magna jiżdied gradwalment u ma wera ebda sinjal u lanqas m'avża lit-tabib li kien qed iħoss xi sintomi. Ma kienx ilmenta xi tbattija biex jimxi. Il-Profs huwa tal-opinjoni li, li kieku sofra ħsara fin-nerv waqt l-intervent ma kienx jkunu f'pożizzjoni illi jagħmel l-'iStress Test' mingħajr diffikulta. Ma kienx ikun kapaċi jimxi kif mexa. Kien wara xi xhur li l-attur mar għand il-Professur Fenech jilmenta minn uġigħ f'siequ. Sa dakinhar kien qed jimxi mingħajr problemi. Għalhekk ġie riferut għall-'Pain Clinic'. Jispiċċa jixhed il-Profs Fenech li l-pazjent kien sarlu MRI speċifikament fil-'groin' u dan ma wera l-ebda anomalija.*

*Illi xehed ukoll in difeża t-tabib Oscar Aquilina. Huwa beda biex spjega kif issir l-'angioplasty'. Jgħid li mill-'file' tal-pazjent jirriżulta mal-perjodu li fih seħħet l-'angioplasty' il-pazjent bed jilmenta minn uġigħ. Kien irriżulta wkoll xi ftuq żgħir li ma setgħax kien ikkawżat mill-'angioplasty'. Jispjega li l-arterja tinstab mit-tabib billi jħoss il-pulsazzjonijiet tagħha. In-nerv m'għandux pulsazzjonijiet u minħabba dan tista' ssir ħsara aċċidentali lin-nerv u / jew vina femurali waqt il-proċedura tal-'angioplasty'. Din hija kumplikazzjoni rari iżda possibbli. Meta jiġri dan il-pazjent jħoss uġigħ f'saqajh immedjatament, liema*

*uġiegħ ikun ta' ċertu entita'. Il-pazjent ikollu reazzjoni mmedjata. Minn eżami tal-'file' mediku ma jirriżultax illi l-pazjent kellu din ir-reazzjoni waqt l-'angioplasty'. Infatti jgħid ix-xhud ir-rapport ta' wara l-'angioplasty' jgħid 'very good result post stentin. Uncomplicated procedure'.*

*Illi xehed b'affidavit Dr Norbert Vella wkoll. Huwa jgħid li eżamina l-istorja medika tal-atturu ma sab l-ebda dokument li jindika li fil-proċedura tal-'angioplasty' kien hemm xi wġiegħ li ħass il-pazjent / attur. Anzi jgħid li sab li l-proċedura mxiet mingħajr kumplikazzjoni. Din ġiet iddikjarata mit-tabib li eżaminah 'uneventful'. Kieku kien hemm dak li xehed l-attur kieku kien jidher ċar mal-ewwel. Huwa fil-fatt spjega x'seta' ġara u x'reazzjoni kien ikun hemm kieku ntlaqat in-nerv kif qed jiġi allegat. Dr Vella jinsisti fix-xhieda tiegħu li mid-dokumenti fil-'file' sab li l-attur kien tela' mat-tnejn u sebgħin tarġa sa xahar wara l-operazzjoni. Kellu kellu nerv iddanneġġjat kieku ma kienx ikun kapaċi.*

*Illi dax-xhud jirriferi għal dak li rrekordjajt Dr Vicky Mifsud f'Jannar 2000, li seta' kien hemm xi ħsara fin-nerv femurali. Pero' Dr Vella ma sabx 'wasting' f'dan in-nerv u meta Dr Mifsud reġgħet ratu f'Marzu tal-2000 dan il-muskolu kien normali. Fil-fatt dina kienet issuġġerit li l-uġiegħ tal-pazjent kien ġej mid-dahar. Isemmi wkoll Dr Vella li Mr Fredrick Zammit Maempel kien sab l-artrite fil-'hip joint'. Jissemma wkoll EMG li sar fid-29 ta' Jannar tal-2000 li kkonkluda li ma kien hemm l-ebda ħsara fin-nervaturi femurali tal-lemin. Kif lanqas l-MRI ma sabet abnormalita' fil-'groin' tal-lemin. Għalhekk Dr Vella jikkonkludi jgħid li ma hemm l-ebda evidenza klinika, jew investigattiva li hija konsistenti ma' xi ħsara fin-nerv.*

*Illi xehed bl-affidavit ukoll Dr Antoine Zrinzo. Dan jgħid li nvista lis-Sur Gauci fl-10 t'Awissu tal-2000, fl-'out patients'. Dr Zrinzo jirrakkonta x'sar fil-vista li kien għamillu. Lil Dr Zrinzo kien irriżultalu li l-problemi kieku mad-dawra tal-ingropp (hip). Mill-MRI irriżulta li kellu 'slipped disc' żgħir fid-disc L1/L2 u artrite bejn ir-raba' u l-ħames rukkell. Minn dan kollu Dr Zrinzo ma setax jgħid li dan l-uġiegħ kien riżultat ta' ħsara fin-nerv femorali waqt*

*il-proċedura ta' 'angioplasty' u li dana jaqbel ma' dak li kienet sabet Dr Verlatt qablu bl-istess mod.*

*<u>Punti ta' Fatt</u>*

*Illi minn eżami ġenerali tal-file mediku tal-attur jirriżultaw is-segwenti:*

*"L-attur Vincent Gauci, I.D. 708415(M)m ta; 91, Flat 2, Triq Santa Lucia, Valletta, kien iddaħħal fl-isptar San Luqa minħabba 'chest pain' fit-2 t'Awissu 1999, tal-eta' ta' 54 sena. Huwa ġie mibgħut għal 'angiogram' l-Erbgħa ta' wara u sussegwentement għal 'angioplasty'.*

*Jirriżulta li eventwalment kien ġie 'discharged' fil-11 t'Awissu 1999. Mill-file mediku jirriżulta li sena wara, f'Awissu tal-2000, kien qiegħed l-isptar minħabba l-uġigħli kien qed iħoss fil-'groin' u f'saqajh il-leminija, fejn ġie eżaminat u ttestjat estensivament.*

*Illi l-attur ġie eżaminat ukoll mill-esperti mediċi tal-Qorti fl-14 t'Ottubru 2008. Illi dan l-eżami wassal lill-esperti biex jeżaminawh in relazzjoni mal-uġigħ lokali li beda jsofri minnu hekk kif għadda l-effett tal-loppju wara l-'angioplasty'.*

*Illi l-esperti mediċi sabu li l-attur qed ibati minn uġigħ kontinwu fuq il-faxx femorali fis-sieq tal-lemin u jinżel 'l isfel matul in-naħa ta' ġewwa tar-riġel lemini sakemm jieqaf fl-irkoppa leminija. Saħansitra jtellfu mill-irqad. Dan qed jwassal biex l-attur jsofri minn nuqqas ta' saħħa tar-riġel lemini. Fil-fatt huwa juża l-krozzi biex jimxi sa minn dakinhar tal-intervent u għadu hekk sal-lum.*

*Illi għalhekk l-attivita' tiegħu hija ristretta tant li għandu bżonn l-għajnuna biex jinħasel u jilbes il-kalzetti u jxidd iż-żarbun. Ma jistax joqgħod bil-wieqfa għal aktar minn ħames minuti u ma jistax jimxi wisq mingħajr ma jieqaf. Fl-aħħar erba' snin qed jirriżulta li l-uġigħ li għandu qed jmur għal dahru u lura wara r-riġel. Fil-fatt kien rah kirurgu ortopediku li għamel djanjosi ta' Osteoarthritis severa fil-*

*‘hip joint’ tal-istess riġel u spiċċa l-‘pain clinic’ fejn tawh il-morfina, li kellha titwaqqaf minħabba is-‘side effects’.*

*Illi mill-eżami mediku tal-esperti rriżulta:*

*Illi mill-provi miġbura rriżulta ulterjorament illi sal-lum l-attur għadu jbati mill-uġiegħ fil-‘groin’. Dan jirriżulta ampjament kemm mill-‘file’ mediku tiegħu kif ukoll mix-xhieda kemm tiegħu kif ukoll tad-diversi tobba li eżaminawh fil-kors taż-żmien. Barra minhekk huwa ġie eżaminat mill-esperti tal-Qorti u dawna rrappurtaw ir-riżultanzi tagħhom fir-rapport anness u ċjoe’:*

*1. Rigward ir-riġel xellugi (normali)*

*a. Uġiegħ fuq in-naħa t’ isfel tar-riġel.*

*b. Medial u lateral rotation tal-‘hip joint’ tax-xellug ikkaġuna uġiegħ.*

*c. Fexion tal-‘hip joint’ u ‘dorsi flexion’ tas-sieq xellugija kienu normali.*

*2. Rigward ir-riġel lemini (l-involut)*

*a. Ma jistax jgħolli r-riġel.*

*b. Ma jistax jagħmel ‘plantar flexion’ u ‘dorsi flexion’ tas-sieq lemini.*

*c. Kellu wġiegħ kbir meta pprova jagħmel ‘flexion’ tal-muskoli tal-pexxun.”*

**OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI DWAR RESPONSABILITA’**

Illi minħabba li l-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni preċiża, bħal leġislazzjonijiet oħra, tal-grad ta’ responsabbilita’ li għandu jiġi eżerċitat minn tabib bħala tali, il-Qrati tagħna dejjem imxew fuq ir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili u adottawhom skond iċ-ċirkostanzi. B’dan il-mod il-Qrati tagħna kkonkludew illi: *“il-liġi tissoġġetta l-eżerċizzju tal-*

*professjoni għall-grad tar-responsabbilta' li wieħed jistenna minn min jipprepara ruħu u ppreżenta ruħu biex jaġixxi f'dik il-professjoni partikolari."* (ara **"Josephine Borg et vs Dr. Anthony Fiorini"** deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 1994).

Illi f'din is-sentenza il-Qorti għamlet riferenza wiesgħa għas-sentenza mogħtija fl-1955 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Victor Savona noe vs Dr Peter Asphar"** illi qalet li l-artikolu 1074 tal-Kodiċi Ċivili (kif kien dak iż-żmien) jistabbilixxi l-prinċipju li kull persuna għandha tirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha u l-artikolu 1075 jiddisponi li jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, d-diliġenza u l-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* iżda f'difett ta' dispożizzjoni espressa fil-liġi minħabba nuqqas ta' prudenza,diliġenza u attenzjoni fi grad akbar.

Illi l-Qorti ċċitat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1921 fl-ismijiet **"Calafato vs Grech"** illi qalet:

*"La colpa e' un ipotesi giuridica e genercia finche sta nelle disposizioni della legge o sui trattati di scienza giuridica,ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili."*

Illi l-awtur **Giorgi (Delle Obbligazioni Volum V paragrafu 155)** kiteb:

*"Non puo' nnoverarsi fra le colpe ' errore professionali, quello cioe che dipende dall' incertezza e dall' imperfezione dell' arte, non da negligenza o incapacita' di chi la esercita. ... E' scusabile soltanto quella fallibilta' che e' conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti."*

Illi l-Qorti fil-kawża l-aħħar imsemmija ċċitat ukoll l-awtur **Cogliolo (Scritti varii di Diritto Privato – Teoria delle colpe)** fejn qal f'paġna 237:

*"Nelle professioni c'e tutto un campo insindacabile ed impunibile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successiv mostra errao – a uesto errore nessuno risponde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina."*

Illi kien hemm ukoll sentenzi fil-konfront ta' Avukati (**"Agius Fernandes vs Buttigieg"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1958) u Nutara (**"Barbara vs Vella"** Volum XXVII-i-262) illi kollha jagħmlu riferenza għall-fatt li l-iżball irid ikun fi kliem l-aħħar sentenzi imsemmija *manifesto da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacita'.*

Illi infatti l-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Savona vs Asphar"** kienet illi:

*"…mid-duttina u ġurisprudenza fuq iccitati għandu jigi ritenut illi t-tabib mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, a meno che dan l-iżball ma jkunx grossolan, u a meno che l-ħsara ma tistax tiġi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' bonus pater familias."*

Illi fl-aħħarnett f'din ir-rassenja tajjeb ukoll jiġi ċitat **Lord Denning** illi fil-kawża **"Hucks vs Cole"** deċiża fl-1968 qal illi:

*"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations and treatment. A doctor was not to be held negligent simply because something went wrong. He was not liable for mischance or misadventure; or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of*

*two or for favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practicioner in his field so much that his field so much that his conduct might be deserving of censure or inexcusable."*

Illi madankollu l-aktar deċiżjoni riċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell tagħna fir-rigward kienu dawk fl-ismijiet **"Frankie Zerafa vs Olga Avramov et"** deċiża fit-30 ta' Mejju 2008 u **"Rose Gauci et vs Mr Donald Felice et"** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2009. F'din l-aħħar kawża l-Qorti kkonkludiet illi r-relazzjoni bejn pazjent u tabib kellha tkun regolata mill-prinċipji li jirregolaw il-kuntratti u t-tabib allura kien responsabbli illi jagħti r-riżultat mistenni mill-pazjent; għalkemm naturalment dan ma jfissirx li huwa marbut li jagħti dak ir-riżultat fis-sens li jekk ir-riżultat ma jasalx ma jfissirx li bilfors it-tabib ikun responsabbli għad-danni. Il-Qorti fl-aħħar sentenza msemmija qalet illi:

*"Għalkemm, kif ingħad, il-pożizzjoni hawn Malta ġiet eżaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kważi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar loġiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tiġi eżaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jeħtieġ il-kunsens ta' żewġ partijiet, iżda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun taċitu, u anki impliċitu, basta tkun teżisti l-volonta' fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imħallas mill-Gvern biex ikun għas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoġġi l-bżonnijiet tiegħu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaċċetta li jagħti s-servizz tiegħu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tiegħu skont l-aħjar ħila tiegħu. Jista' jingħad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero' jekk hu hekk, l-għażla jkun għamilha meta mpjega ruħu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaċċjat b'każ li mhux tal-ħila tiegħu, għandu obbligu jgħaddi l-każ lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bħal kull tabib privat. Meta tabib, avolja mpjegat, jaċċetta li jikkura pazjent, jidħol f'relazzjoni diretta miegħu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal għall-hlas tad-danni f'każ ta' inadempjenza."*

Illi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali, fis-sistema ċivili Maltija, jistgħu jkunu *di dare, di fare* jew *di no fare*, u f'każ ta' tabib, ir-responsabbilta' tiegħu titqies bħala waħda *di fare*, fejn it-tabib qed jiġi mqabbad biex jagħti s-servizz tiegħu bi skop li jottjeni għan definit. Dan ma jfissirx, pero`, li mit-tabib hu mistenni riżultat, u jekk ma jottjenix riżultat, allura jkun responsabbli għad-danni.

Illi d-duttrina Taljana tiddistingwi fil-kuntest t'obbligazzjoni *di fare*, bejn obbligazzjoni *di risultato* u obbligazzjoni *di mezzi*. Il-Qorti tal-Appell ta' Milan f'sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 1981, qalet li:

*"…nel contratto d'opera intelletuale, le obbligazioni del professionista sono di mezzi e non di risultato, in quanto il professionista, assumendo l'incarirco, si impegna a prestare la propria opera intelletuale solo al fine di raggiungere il risultato sperato, ma non a conseguirlo."*

Illi hekk ukoll il-**Corte di Cassazzione** fl-Italja, f'sentenza li tat fil-21 ta' Lulju, 1989, osservat li:

*"Il contratto che ha per oggetto una prestazione d'opera intelletuale – inquadrabile nella categoria del lavoro autonomo – comporta normalmente per il professionista un' obbligazione di mezzi, nell'adempimento della quale egli e tenuto ad usare la diligenza che la natura dell' attivita` esercitata esige."*

Illi dan ifisser illi, sakemm f'każ partikolari t-tabib ma jassumix espressament obbligu li jottjeni riżultat, id-dover tat-tabib huwa li juża l-aħjar talenti tiegħu fl-interess tal-pazjent.

Illi t-Tribunal ta' Napli, b'sentenza li tat fil-11 ta' Frar 1985, qal li:

*"La diligenza che il medico deve impiegare nello svolgimento delle sue prestazioni e`quella del regolato e accorto professionista, esercente la sua attivita` con*

*scrupolosa attenzione ed adeguata preparazione professionale.”*

Illi l-istess pożizzjoni tinsab enunċjata fl-Ingilterra. Tabib privat, għalkemm marbut b’kuntratt, rari jitqies li jkun ta’ garanzija ta’ riżultat. L-awtriċi **Margaret Brazier** fil-ktieb **“Medicine, Patients and the Law”** (Penguin Books, 1987 Edit, p. 83) tosserva illi:

*“…only rarely will a private doctor be found to have guaranteed a result. Where a patient is ill and seeks a cure, unless the doctor foolishly and expressly promises success in his treatment, no Court will infer any term other than that the doctor will exercise skill and care.”*

Illi hekk fil-kawża Ngliża **“Bolam vs Friern H.M.C.”** (1957 W.L.R. 582) il-Qorti qalet illi:

*“The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art.”*

Illi il-**Corte di Cassazione** tal-Italja, f’sentenza mogħtija fit-18 ta’ Ġunju, 1945, enunzjat l-istess principju meta qalet li: *“la diligenza che il professionista dove porre nello svoligmento dell’attivita` professionele e’ quella del professionista di preparazione e di diligenza media”.* L-istess Corte di Cassazione, f’sentenza mogħtija fit-22 ta’ Frar, 1988, osservat, pero’, illi jista’ jkun hemm ir-responsabbilita’ tat-tabib anki għal *‘colpa lieve’* meta:

*“… di fronte ad un caso ordinario, non abbia osservato, per inadeguatezze od incompletezza della preparazione professionale, ovveroper omissione della media deligenza, quelle regole precise che sono acquisite, per comune consenso e consolidata sperimentazione, alla scienza ed alla pratica, e, quindi, costituiscano il neccessario corredo del professionista che si dedichi ad un determinato settore della medicina.”*

Illi jibqa' ovvjament dejjem aċċettat illi: *"in the realm of diagnosis and treatment there is ample scope for a genuine difference in opinion, and one man is clearly not negligent merely because his conclusion differs from that of other professional men"* (**"Hunter vs Hanley"** 1995).

Illi kif allura jidher minn dan l-insenjament irid ikun hemm ċertu livell ta' nuqqas da parti tal-professjonist biex jinstab responsabbilta'. Il-periti mediċi ma kellhom ebda dubju illi kien b'riżultat tal-intervent in kwistjoni illi l-attur sofra d-diżabilita' permanenti li għandu llum u kkwantifikawha għal persentaġġ ta' tlieta u tletin fil-mija (33%). Fir-rapport pero' m'imputaw ebda responsabbilta' lejn il-konvenut; iżda meta xehdu in eskussjoni qalu fost affarijiet oħra li *"kultant dawn l-affarijiet jiġru"*, li l-proċedura in kwistjoni hija waħda li neċessarjament tfisser li l-*"professjonist jaħdem fuq partijiet tal-ġisem li ma jkunx qed jara"* u li normalment wieħed idaħħal strument b'mod tentattiv biex ikollu idea jekk hemmx xi nerv kif sfortunatament irriżulta fil-każ in eżami. Mill-mod ta' kif xehdu l-pertit mediċi, il-Qorti tħoss li fil-każ in eżami kien hemm ċerta responsabbilta' da parti tal-konvenut, biżżejjed biex tasal għall-konklużjoni li għandha tilqa' t-talba attriċi.

Illi l-attur indiskutibbilment sofra danni in konsegwenza tal-intervent li strettament ma kellu x'jaqsam xejn mal-ħsara li sofra, u kwindi u wieħed jifhem allura li kien hemm nuqqas da parti tal-konvenut biex wassal għal dak li ġara; l-attur fi kliem sempliċi li jifhmu kulħadd, daħal l-isptar jimxi tajjeb u ħareġ bil-krozzi għal dejjem.

Illi dwar il-qsim tar-responsabbilta' tal-konvenuti, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi hemm responsabilita' solidali da parti tal-konvenuti, għaliex it-tnejn kienu marbutin kontrattwalment mal-attur illi għalhekk għandu jiġi kompensat għall-ħsara li sofra.

Illi kwantu għall-preżenza ta' mart l-attur fil-kawża l-Qorti taqbel mal-konvenuti illi din mhijiex rikjesta u huma ma għandhom xejn jirrispondu lilha.

**DANNI**

Il-Qorti għalhekk għandha tillikwida d-danni dovuti lill-attur fuq l-iskorta tas-sentenzi tal-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar snin.

Illi l-attur kellu tnejn u ħamsin (52) sena meta ġara l-inċident u allura kellu ħajja lavorattiva futura normali ta' għaxar snin. Kellu salarju ta' ħamest elef, erba' mija u disgħa u għoxrin lira Maltin (Lm5,429) fis-sena, u allura kien mistenni li fl-għaxar snin ta' wara li jaqla' s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf, mitejn u disgħin lira Maltin (Lm54,290) u l-Qorti se tieħu in konsiderazzjoni kemm li kien se jħallas taxxa u kontribuzzjonijiet u kemm l-effetti tal-inflazzjoni billi żżomm is-somma dik li hi. Tlieta u tletin fil-mija (33%) ta' dik is-somma hija sbatax-il elf, disa' mija u ħmistax-il lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm17,915.70) jew wieħed u erbgħin elf, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€41,732.35) li l-Qorti minnha ma hija se tagħmel ebda tnaqqis għall-ħlas f'daqqa minħabba t-tul taż-żmien li ħadu dawn il-proċeduri. L-argument tal-attur kontenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li għandu jitħallas tlieta u tletin fil-mija (33%) għal darbtejn, skond hu, għan-nuqqasijiet delittwali u kontrattwali separatament naturalment ma għandhom ebda fundament ġuridiku għax altrimenti jkun qed jitħallas darbtejn għall-istess diżabilita'.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fir-rigward tal-attriċi, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra u għar-raġunijiet imsemmija tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment iħallsu lill-attur is-somma ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€41,732.35) fuq imsemmija.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti wkoll.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------